



Brussell, 1 ta' Lulju 2025
(OR. en)

9869/25

LIMITE

CORLX 554
CFSP/PESC 836
RELEX 756
COAFR 130

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) 2015/735 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni
fis-Sudan t'Isfel

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2015/735
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/735 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 748/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 117, 8.5.2015, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/735/oj>.

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2015/735.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) 2015/735, il-Kunsill irrieżamina l-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra persuna waħda elenkata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/735 u li jenħtieġ li l-entrata għal dik il-persuna tiġi aġġornata.
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/735 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/735 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/735, l-entrata Nru.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elencar |
|-----|----------------------|---|---|------------------|
| "1. | Michael MAKUEI LUETH | Data tat-twelid: 1947 Post tat-twelid: Bor, is-Sudan t'Isfel; Bor, is-Sudan Sess: raġel | Michael Makuei Leuth ilu jokkupa l-kariga ta' Ministru għall-Informazzjoni u x-Xandir mill-2013 u għadu jżomm dik il-kariga fil-Gvern Tranżizzjonali ta' Unità Nazzjonali Rivitalizzata fis-Sudan t'Isfel. Huwa kien ukoll il-kelliem pubbliku għad-delegazzjoni tal-gvern għat-taħditiet ta' paċi tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp mill-2014 sal-2015 u mill-2016 sal-2018. Michael Makuei Lueth ostakola, b'mod partikolari permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa, l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar ir-Risoluzzjoni tal-Kunflitt fis-Sudan t'Isfel (ARCSS) ta' Awwissu 2015 (sostitwit f'Settembru 2018 mill-"ARCSS Rivitalizzata" (R-ARCSS)), il-ħidma tal-Kummissjoni Konġunta ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-ARCSS (JMEC, li nġhatat l-isem ġdid "JMEC rikostitwita" fil-qafas tal-R-ARCSS), l-istabbiliment tal-Istituzzjonijiet tal-Ġustizzja Tranżizzjonali tal-ARCSS (previsti wkoll fl-R-ARCSS), u l-operazzjonijiet tal-Forza ta' Protezzjoni Reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti. | 3.2.2018". |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elencar |
|--|------|------------------------------------|---|------------------|
| | | | <p>Barra minn hekk, Michael Makuei Lueth huwa involut fir-restrizzjoni sistematika tal-ispazju politiku u demokratiku u fir-repressjoni tal-media, inkluż permezz ta' theddid regolari kontra l-ġurnalisti u appoġġ għaċ-ċensura tal-media, li tfixkel id-demokratizzazzjoni u l-paċi sostenibbli fis-Sudan t'Isfel.</p> <p>Mill-bidu tal-2025, Michael Makuei Lueth pubblikament ċaħad sejħiet għal djalogu, bl-użu ta' retorika konfrontattiva u xewwiexa f'ambjent dejjem aktar mimli tensjoni. Michael Makuei Lueth iddefenda wkoll l-arresti kontra l-Ewwel Viċi President Riek Machar u l-alleati tiegħu, u fixkel l-isforzi ta' dieskalazzjoni tas-sitwazzjoni.</p> <p>Għalhekk, Michael Makuei Lueth kien qed jostakola l-proċess politiku fis-Sudan t'Isfel u huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni.</p> | |